Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)
Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.

Il-Pulizija

Vs

Marica Bonello

Seduta Distrett Rabat

Illum 24 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Marica Bonello ta' 37 sena, bint Christino Bonello u Frances Bonello xebba Micallef, imwieled Pieta', nhar it-30 ta' Mejju 1983, resident Christrina F/H, L-Irziezet T' Ghemieri, L/O Rabat ID:261786M**

Akkuzata talli nhar is-17 ta' Ottubru 2023 gewwa zona maghrufa bhala Ta' Koronja quddiem residenza Christrina F/H l-Irziezet T' Ghemieri L/O Rabat Malta:

1. B'nuqqas ta' hseib jew bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunajt griehi ta' natura hafifa fuq Carmleo Camilleri liema feriti gew iccertifikati minn Dr Matthew Seychell MD Reg No 4621 liema feriti gew ikkagunati meta kellek fil-pussess assolut tieghek, kelb tar-razza mhux maghruf.
2. U aktar talli bhala persuna li kellek xi kelb taht il-kontrol tieghek, hallejt lil dak il-kelb jiggerra f'xi triq jew f' post pubbliku iehor, minghajr ma kellek control tieghu jew minghajt ma zammejtu b'cinga.
3. U aktar talli bhala sid jew detentur tal-kleb li kien ta' periklu ghan-nies, inqast li zzomm dak il-kelb taht control.
4. U aktar talli bhala peresuna li taf jew tissuspetta li l-kelb li kien taht il-kontroll tieghek, kien ta' temperamentali jew periklu jew setghu jwegghu lil xi persuna, kellek li tara li l-kelb tintlibislu sarmina f' kull hin f'kull post pubbliku. [1]

[1]Reg. 3(1) L.S. 312.01; Art. 14(1) tal-Kap 312; ; L.S. 312.01 Sec 3(2); Art. 226(1) Kap 9.

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**
Dan huwa kaz li jirrigwarda allegat incident li sehh nhar is-17 ta' Ottubru 2023 fil-limiti tar-Rabat, Malta meta l-kwerelant Carmelo Camilleri kien ghaddej bir-rota tieghu fit-triq meta f'daqqa wahda minn propjeta' hareg kelb, gidmu u garrablu feriti ta' natura hafifa.

Il-kwerelant jallega li l-kelb hu tal-imputata li dak il-hin ghamlitlu stikka fuq il-ferita li sussegwentement giet medikata minn Dr. Matthew Seychell.

**Provi**
Xehdet **PC 996 Nicole Cammilleri** li fl-affidavit taghha tispjega li fis-17 ta' Ottubru 2023 ghall-habta ta' 16.45 hrs mar l-ghassa Carmelo Camilleri fej qal li gie migdum minn-kelb.[2] Hu intbaghat biex jigi ikkurat u intalab certifikat mediku li hu gab l-ghada. Il-kwerelant qal li hu kien ghaddej bir-rota tieghu fl-akkwati ta' Koronja r-Rabat u innota kelb abjad bid-dwawar kannella fir-residenza 'Christine Farmhouse', l-Irziezet tal-Ghemieri, Rabat, u dan il-kelb qabez mill-grada u gidmu. Wara li gara dan il-fatt hareg sid il-kelb, li minn stharrig tal-pulizija gie stabilit li kienet l-imputata fejn ghamlitlu stikka.

Camilleri stqarr li din ma kinitx l-ewwel darba li gara hekk, pero' qabel il-kelb qatt ma gidmu. Jghid li sid il-kelb dahlet l-annimal fil-propjeta' taghha.

Xehed **Carmelo Camilleri** waqt is-seduta tat-12 ta' April 2024 fejn qal li kien ghaddej bir-rota xi Ottubru ta' sitt xhur ilu u l-kelb hareg ghalih u gidmu. Qal li kien diga' mar l-ghassa darb ohra u l-pulizija qalulu li ma jistghu jaghmlu xejn ghax il-kelb kien wara ix-xatba.

[2] Folio 3 tal-process.

Jghid li l-kelb kien abjad bid-dwawar qisu tal-kacca. Jghid li qabez ix-xatba li kienet xi 6 pulzieri.  Jghid li mar jiddewwa u jicxhed is-segwenti:

**Xhud: Imbaghad giet din il-mara, giet taghmilli l-istikk.**

**Pros:  X' mara hi? Qed Taghrafha hawnhekk?**

**Xhud:  Nahseb li dik il-mara jiena.**

**Qorti:  Liema mara?**

**Xhud:  Sid il-kelb**

**Qorti:  Qed taghrafha hawnhekk?**

**Xhud:  Dik il-mara.**

**Qorti:  Dik il-mara li hemm hemmhekk?**

**Xhud:  nahseb li hi.**

**Qorti:  Ix-xhud identifika lill-imputata fl-awla.**

Jghid li xeba' jghidilhom biex izommuh.

Kontro-ezaminat jghid li dak il-kelb gidmu u jghid li l-guvni li semma dahal fl-istess post tal-kelb u minn fejn dahlet il-mara. Jghid li gie xi tlett darbiet ohra ghalih dan il-kelb. Il-mara qaltlu li qatt ma gidem lil hadd. Jghid li l-imputata qaltlu li l-kelb qatt ma gidem lil hadd u hu qalilha li lilu pero' gidmu.

**Ikkunsidrat:**

**Att Dwar il-Klieb- Kap 312 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:**

*14.(1) Meta xi sid jew detentur ta' kelb li jkun ta' perikolu għan-nies, jonqos li jżomm il-kelb taħt kontroll, dan ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) u l-qorti għandha tordna lill-Pulizija li tiddistruġġi l-kelb għas-spejjeż ta' sidu jew tad-detentur tiegħu minkejja li l-kelb jista' jkollu sid jew detentur ġdid.*

*(2) Ma jkunx meħtieġ għall-prosekuzzjoni biex tipprova li s-sid jew id-detentur kien jaf li l-kelb kien perikoluż biex il-qorti tordna li jiġi distrutt il-kelb kif provdut fis-subartikolu (1).*
*(3) Jekk il-persuna akkużata kif provdut fis-subartikolu (1) tkun għal xi raġuni meħlusa mill-akkuża, il-qorti għandha, xorta waħda, jekk tkun sodisfatta li l-kelb hu perikoluż, tordna li dan jiġi distrutt.*
*(4) Kelb li jkun gidem jew ħabat għal xi persuna jitqies li hu perikoluż, kemm-il darba ma jiġix pruvat kuntrarju*

**Il-Legislazzjoni Sussidjarja 312.01 Regolamenti Dwar Il-Kontroll Tal-Klieb tipprovdi:**

*'triq'' tinkludi kull triq, sqaq, misrah, pont, xatt-il bahar, moll, jew xi post iehor ta' passagg jew access pubbliku*

*3.(1) Ebda persuna li jkollha xi kelb taht il-kontroll taghha ma ghandha thalli li dak il-kelb jiggerra u meta dak il-kelb jittiehed f'xi triq, ghandu jinzamm b' cinga:*
*Izda meta kelb jintuza ghall-kacca, f'dak iz-zmien u f'dak il-post fejn il-kacca tkun permessa, id-dmir li l-kelb jinzamm bic-cinga ma japplikax.*
*(2) Jekk persuna tkun taf jew tissuspetta li l-kelb li jkun taht il-kontroll taghha huwa temperamentali jew perikoluz jew jista' jwegga' lil xi persuna, dik il-persuna ghandha tara li l-kelb jintlibes sarima f'kull hin f'kull post pubbliku*

**Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:**

*Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(d) f'kull każ ieħor, il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet*

**Ikkunsidrat:**
Il-Qorti tqis li l-insenjamenti gurisprudenzjali l-aktar recenti fuq il-vertenza ta' attakki ta' klieb bhal ma huwa il-kaz odjern huma dawk elenkati aktar 'l isfel.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Desiree Camilleri** (App. Nru. 429/2017) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Aaron Bugeja nhar 25 ta' Gunju 2020 intqal is-segwenti:

*35.Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Richard Grech[3] din il-Qorti diversament presjeduta kienet tagħat l-interpretazzjoni legali tagħha tar-reat kolpuż b'dan il-mod :*

*Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti - konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew ta' hila ("imprezia"), fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolmenti - li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita', minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija, minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cjoe', illi fil-kaz konkret kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan, li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. Biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cjoe', l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu ppregudikati. Bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti" (artikolu 225), il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal-legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet, ecc.), izda ghal kull forma ta' kondotta statutojament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti ppromulgati minn enti privati (ez. ir-regolamenti nfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika).*

*36.Inoltre fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. John Vella deċiż mill-Imħallef Harding[4], wara li apprezza l-interpretazzjoni mogħtija minn diversi ġuristi renomati tal-culpa, rritjena s-segwenti:*

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano, nhar it-21 ta' Marzu 1996

*Tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kolpa, jibqa' dejjem illi l-elementi taghha huma l-volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att, u l-possibbilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma jkunux prevedibbli, jew almenu ma setghux ikunu prevedibbli hlief b'diligenza straordinarja, li l-ligi ma tezigix, u li se mai tista' ggib kolpa ljevissima, la ma hix inkriminabbli, ma hemmx htija. Il-kolpa tista' tikkonsisti anki f'imprudenza; b'mod illi min jikkommetti att imprudenti avvolja huwa ma riedx jaghmel hag'ohra hlief dak l-att, u ma pprevediex li dak l-att seta' jkollu konsegwenzi koroh, huwa jibqa' fi htija ghax seta' jipprevedi dawk il-konsegwenzi. S'intendi, fil-kolpa hemm dejjem gradazzjonijiet mizurabbli ghas-sekonda tac-cirkustanzi partikulari ta' kull kaz, li jinfluwixxu fuq l-applikazzjoni tal-piena. F'dak il-każ, surmast tal-iskola primarja tal-Gvern, bħala ċajta, poġġa lapes fit-tarf tal-bank ta' x'uħud mill-istudenti u tah daqqa ta' riga biex il-lapes itir; dal-lapes tar, ġie f'għajn wieħed mill-istudenti, u kkaġunalu offiża ta' natura gravi.*

*B'applikazzjoni tal-principji hawn fuq imfissra s-surmast ġie ritenut kriminalment responsabbli ta' dik il-ferita minħabba li kien f'kolpa.*[5]

………………………………………………………………………………………..

*47.Tħobbhom kemm tħobbhom, u tiggustahom kemm tiggustahom, il-klieb, anke dawk ta' razza mansweta, xorta annimali jibqgħu. Kelb, għalkemm huwa meqjus bħala l-akbar annimal ħabib tal-bniedem, xorta waħda jibqa' annimal, maħkum mill-istinti tiegħu, l-ewwel u qabel kollox. Anzi, hemm diversi Stati li stabbilew listi ta' klieb li huma klassifikati ta' natura aggressiva aktar minn oħrajn. Hemm ukoll listi ta' klieb li minħabba l-predisposizzjoni naturali aggressiva tagħhom l-anqas ikunu jistgħu jiġu assikutari minn kumpaniji tal-assikurazzjoni. Ir-razza Rottweiler hija magħrufa bħala fost l-aktar razza aggressiva ta' klieb. Għalhekk ir-razza tal-kelb minnha nnifisha diġa timponi grad għola ta' diliġenza fuq sid dak il-kelb biex jassigura li l-kelb tiegħu ma jkunx ta' perikolu għan-nies. Huwa wkoll element indikattiv li sid jew detentur ta' kelb ta' din ir-razza għandu jkollu grad t'attenzjoni akbar versu l-imġieba tal-kelb tiegħu u l-prekawzjonijiet li jkun irid jieħu.*

[4] Deċiża nhar il-15 ta' Frar 1958 mill-Imħallef William Harding.
[5] Pagna 19- 20

*Fattur importantissimu f'dan il-kuntest huwa li kelb ta' din ir-razza, għalkemm ma jkunx gidem jew weġġa' lil persuni oħra preċedentement ma jfissirx li ma jkunx potenzjalment perikoluż. Ladarba jkun ġej minn razza ta' klieb li għandhom predisposizzjoni naturali li jkunu aggressivi aktar minn klieb oħra, id-diliġenza tas-sid kienet titlob li jieħu ċerti prekawzjonijiet fil-konfront tal-istess kelb – fosthom li jżommhom marbuta u b'sarima ma ħalqhom.*[6]

………………………………………………………………………………………………

*53.L-esperjenza komuni għall-bnedmin tgħallem li wieħed għandu juża ċerti prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi tal-oħrajn ma jiġux preġudikati. F'dan il-każ, l-appellanta ħalliet il-ħlewwa tal-Labrador jegħleb din il-prudenza li kienet mistennija minnha, baxxiet il-livello di guardia tagħha, u l-konsegwenza t'hekk qegħdet lilha nnifisha u lil neputiha f'sitwazzjoni ta' perikolu, bla bżonn.*[7]

Imbaghad fil-kawza **Il-Pulizija vs Shana Marie Mifsud** (App. Nru. 273/2021) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Edwina Grima deciza fit- 28 ta' Jannar 2022 intqal:

*Minn dawn ir-riżultanzi proċesswali allura huwa evidenti illi għall-appellanti ma setax kien prevedibbli illi l-kelb kien ser jikkaġuna xi hsara lill-parti offiża u dan għaliex fl-ewwel lok huwa kien minnha imrażżan u wkoll għaliex fl-ebda ħin ma ppermettiet li l-kelb ikun ta' periklu għal terzi persuni jew ippermettietu javviċina lill-parti offiża. Lanqas ma hemm l-iċken prova in atti illi l-kelb kien perikoluż jew aggressiv min-natura tiegħu u li allura għall-appellanti seta' kien prevedibbli dak li kien ser iseħħ.*[8]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza moghtija fis- 6 ta' Jananr 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs -Omissis, Carol Bonnici, David Sant** (App Nru. 105/2019 u App. Nru. 106/2019) abbraccjat is-segwenti:

*'The law of negligence requires that for any claimant to succeed, the court must be satisfied that the defendant in question owed him a duty of care, that there was breach of duty by the defendant and finally the claimant's damages were as a result of the breach. ... Duty of care means that any single person must always take reasonable care so*

[6] Pagna 24 u 25.

[7] Pagna 29.

[8] Pagna 7.

*that he can avoid omissions and acts that he can foresee reasonably as likely to result to injury to his neighbour. In negligence law, a neighbour is that person who is directly and closely affected by one's act such that one is supposed to have him/her in contemplation to be affected when directing the mind to the omissions and acts in question. Standard of care must be proved by deciding whether the defendant in question owed the plaintiff a standard of care, the level of standard of care that the defendant owed the plaintiff and lastly, by determining whether another reasonable person in the same field like the defendant would do the same'.*[9]

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta' tali gurisprudenza nostrana f'kazijiet simili, din il-Qorti ser taghaddi sabiex tezamina il-mertu tal-kaz li ghandha quddiemha.

Il-Qorti wara li rat l-affidavit tal-pulizija, ir-rapport pprezentat mill-prosekuzzjoni kif ukoll ix-xhieda tal-kwerelant ma ghandha l-ebda dubbju li dak li xehed Camilleri ghandu mis-sewwa u ghandu jigi emmnut. Il-kelb huwa tal-imputata u qabez ix-xatba, li mhix gholja u gidem lill-kwerelant u li din ma kinitx l-ewwel darba li ghamel ghalih. Il-Qorti lanqas ghandha dubbju li l-kelb jappartjeni lill-imputata jew li fil-hin li gidem lill-kwerelant kien taht ir-responsabilita' taghha ghax hu hareg mill-fond fejn tirrisjedi l-imputata.

L-imputata bhala omm tajba tal-familja kienet taf bit-temperament xejn felici tal-kelb taghha u allura messa hadet dawk il-prekwazjonijiet kollha biex tara li l-kelb ma jaqbizx mill-grada tar-residenza taghha. Dan ma ghamiltux u allura trid tirrispondi ghall-imgieba xejn felici, anzi perikoluza tal-kelb.

Minn naha l-ohra il-Qorti thoss li ladarba ic-certifikat mediku ma giex mahluf minn Dr. Matthew Seychell ma ghandhiex toqghod fuqu u ghanda tiskartah. Dan mhux il-mod kif issir il-prova fil-kamp kriminali u dokumenti mressqa bhala prova ghandhom jigu guramentati biex jaghmlu l-ahjar prova kif rikjest fil-kamp kriminali. Il-Qorti pero' tista' toqghod anki fir-rigward ta' ferita hafifa fuq ix-xhieda tal-kwerelant ladarba id-difiza lanqas attakkat dan il-fatt u ghal darb'ohra ix-xhud kien konsistenti kemm meta irraporta l-fatt ghand il-pulizija kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti.

---

[9] Quotata ukoll b' approvazzjoni fil-kawza **Il-Pulizija vs Noel Abdilla** (App. Nru. 112/2021) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Gunju 2021 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 328 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta' Malta; Partita 3(1) u 3(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 312.01 qed issib lill-imputata **MARICA BONELLO HATJA** tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u qed tikkundannaha ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' mitt Ewro (€100).

Finalment il-Qorti tqis li ma ghandhiex tordna d-distruzzjoni tal-kelb minhabba li l-agir tieghu hu BISS attribwibbli ghall-imputata u l-annimal ma ghandux ikun ikkastigat minhabba in-nuqqasijiet ta' sidu jew f'idejn min ikun fdat.

Dottor Monica Vella LL.D., M.Jur
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur.